**355. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**Għotja b'kera ta' Salini bi strutturi oħra magħhom fis-Salina limiti tan-Naxxar lil Silka Limited**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti b'kera lil Silka Limited is-Salini bi strutturi oħra magħhom, fis-Salina Limiti tan-Naxxar, deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-trasferiment tal-Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati:

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-Salini bi strutturi oħra magħhom, fis-Salina limiti tan-Naxxar jiġu mogħtija b'kera lill-imsemmija kumpannija Silka Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

24.09.1981